MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-07 ta' Frar, 2020

Rikors Maħluf Numru 55/2019 LM

**Daniel Brankov Vlasev (K.I. 0040276A)**

***vs.***

**Anthony Balzan (ID 764255M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Jannar, 2019 mill-attur **Daniel Brankov Vlasev** (K.I. 0040276A) (minn issa 'l quddiem "l-attur"), u maħluf minnu stess, li jgħid kif ġej:

***Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett tal-Kawża u l-Fatti:***

1. *Illi ftit xhur ilu, ir-rikorrenti akkwista vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT-419, mingħand l-intimat, bil-prezz ta' ħamest elef Euro (€5,000) u bil-ftehim illi l-istess rikorrenti jagħtih il-karozza tiegħu tat-tip Subaru J10 bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ-626;*

2. *Illi għalkemm l-intimat kien obbliga ruħu li jirreġistra t-trasferiment tal-vettura de quo mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, u ċioe dik bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ-626 minn fuq isem ir-rikorrenti għal fuq ismu, huwa baqa' inadempjenti;*

***Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri***

1. *Illi l-esponenti jrid illi l-vettura Subaru J10, bin-numru ta' reġistrazzjoni IAJ-626 li tinsab fil-pussess fiżiku tal-intimat Anthony Balzan, ma tibqax f'ismu stante li huwa partatha ma' vettura tat-tip Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT-419 kif ġià ssemma';*

***Talbiet***

*Jgħid għalhekk ir-rikorrenti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tiddikjara u tiddeċiedi illi:*

i. *L-intimat aċċetta u ħa r-responsabbilità tal-vettura Subaru J10, bin-numru tar-reġistrazzjoni IAJ-626, meta l-esponenti tahielu bħala parti mill-ftehim meta hu akkwista l-vettura Toyota Vitz bin-numru tar-reġistrazzjoni CBT-419;*

ii. *L-intimat naqas milli jadempixxi l-obbligazzjoni assunta minnu li jirreġistra t-trasferiment tal-karozza Subaru J10 f'ismu, mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta;*

iii. *Tordna lill-intimat sabiex fi żmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, huwa jersaq sabiex jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura Subaru J10 numru IAJ-626 f'ismu;*

iv. *Taħtar kuratur sabiex kemm-il darba l-intimat jonqos milli jaddivjeni għat-trasferiment tal-vettura msemmija fit-terminu prefiss mill-Qorti, il-kuratur ikun ordnat sabiex jagħmel it-trasferiment tal-vettura msemmija f'isem l-intimat.*

*Bl-ispejjeż kompriżi kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut, minkejja li kien debitament notifikat bir-Rikors Maħluf, baqa' ma ressaq l-ebda risposta maħlufa għat-talbiet tal-attur, u għalhekk għandu jitqies li huwa kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' Diċembru, 2019 fejn il-konvenut ingħata l-fakultà li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet *ai termini* tal-artikolu 158(10) tal-Kap. 12, u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-Qorti tordna lill-konvenut jirreġistra mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta t-trasferiment tal-vettura tal-għamla *Subaru J10*, bin-numru ta' reġistrazzjoni IAJ-626, li l-konvenut akkwista mingħand l-attur bi tpartit mal-vettura tal-għamla *Toyota Vitz* bin-numru ta' reġistrazzjoni CBT-419 mingħand il-konvenut. Meta sar dan it-tpartit, il-konvenut aċċetta r-responsabbilità għall-vettura li kien qiegħed jakkwista mingħand l-attur. Minkejja dan il-konvenut naqas milli jirreġistra l-imsemmija vettura kif kien obbliga ruħu li jagħmel. Għalhekk l-attur ipproċeda b'din il-kawża sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut jirreġistra t-trasferiment tal-imsemmija vettura mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Il-Qorti tirrileva li l-attur ma ressaq l-ebda provi f'din il-kawża, għajr għal dawk dwar it-tentattivi li saru min-naħa tiegħu sabiex jinnotifika lill-konvenut bir-rikors maħluf tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-kwistjoni odjerna hija waħda sempliċi għall-aħħar, fejn skont dak li qiegħed jintqal fir-rikors promutur, il-partijiet partu l-vetturi tagħhom ma' xulxin, iżda l-konvenut naqas milli jwettaq l-obbligu assunt minnu, li jirreġistra t-trasferiment tal-vettura akkwistata minnu mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, l-attur ma ressaq ebda prova oġġettiva in sostenn tat-talbiet tiegħu. L-attur naqas milli jressaq il-provi li fuqhom qiegħed isejjes it-talbiet tiegħu, u ma ssostanzja t-talbiet tiegħu bl-ebda mod, għajr għal dak li stqarr bil-ġurament fir-rikors promutur tiegħu. Il-Qorti tirrileva li anki jekk l-attur m'għadx għandu fil-pussess tiegħu kopja tal-*log book* tal-vettura li ttrasferixxa lill-konvenut, madanakollu kopja tal-*log book* tal-vettura tal-għamla *Toyota Vitz* li huwa qed jgħid li ġiet akkwistata minnu mingħand il-konvenut, suppost li għandu u kellha tiġi ppreżentata bħala parti mill-atti tal-kawża. Lanqas ma tressqu provi oħra li jistgħu jissostanzjaw il-pretensjonijiet tal-attur, bħal pereżempju kopja taċ-*cheque* li permezz tiegħu sar il-ħlas għall-akkwist tal-vettura, ritratti tal-vettura, u depożizzjonijiet ta' terzi li jafu b'dak li seħħ.

Il-Qorti tirrileva li hija trid tkun f'pożizzjoni li tevalwa l-provi miġjuba f'kawża għas-sodisfazzjon tagħha qabel ma tkun f'pożizzjoni li tgħaddi ġudizzju dwar it-talbiet li jkollha quddiemha. Ta' min ifakkar fid-dispost tal-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħid li l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.

Il-kontumaċja tal-konvenut lanqas ma tista' tiġi interpretata bħala xi forma ta' ammissjoni jew nuqqas ta' kontestazzjoni għat-talbiet tal-attur. Għall-

kuntrarju, f'sentenzi tal-Qrati tagħna ta' spiss intqal li l-kontumaċja hi forma ta' kontestazzjoni għat-talbiet tal-attur. Hekk pereżempju fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Audrey Rose Borg *vs.* Daniel Sciberras**[1], il-Qorti qalet:

> "Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-liġi proċedurali fl-art. 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min-naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi – bħala element ta' disordni soċjali."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Renato Aquilina et *vs.* Christopher James Arthur Townsend et**[2], il-Qorti qalet:

> "Illi jekk tħares lejha mil-lat oġġettiv, kontumaċja tfisser iktar milli ma tkunx preżenti waqt is-smigħ tal-kawża, li ma tiddefendix ruħek – *non defendere videtur, non tantum qui ladit, sed is qui praesens negat se defendere, aut non vult suscipere actionem* (1.52, ff. de div. regul. jur.).
>
> Illi lil hinn mill-użu tagħha fil-fora legali, fl-ilsien Taljan, il-kelma '*contumacia*', kienet oriġinarjament tfisser diżubbidjenza b'riżultat ta' suppervja; li wieħed ma jbaxxix rasu għall-awtorità tal-Knisja minkejja l-konsegwenza serja li jista' jiġi skomunikat; f'termini aktar ġenerali li wieħed ma jbaxxix rasu quddiem superjuri tiegħu: "*Contumacia è quando l'uomo ha in dispetto suo maggiore, e negati di fare l'onore o 'l servigio che per ragione li de fare.*" (XXV. 14).
>
> …
>
> Illi biż-żmien il-liġi evolviet b'mod li l-preżenza tal-konvenut ma baqgħetx indispensabbli billi beda jitqies li jekk ma jidhirx ikun qiegħed jikkontesta t-talba. **L-attur beda jista' jressaq il-provi tiegħu u, jekk jirnexxielu jipprova l-każ tiegħu, il-**

[1] P.A., 09.07.2008.
[2] P.A., 11.01.2016.

**konvenut kien jiġi kkundannat bħala kontumaċi**[3], fis-sens li ma jkunx obda l-ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha."

F'deċiżjoni fl-ismijiet **Elizabeth Said *vs* Bank of Valletta plc et**[4], il-Qorti qalet illi:

"... ladarba l-kontumaċja titqies bħala kontestazzjoni u bħala tħollija fid-dehen u l-ħaqq tal-Qorti, qajla jista' jingħad li l-istess stitut huwa maħsub biex jgħin lil xi parti milli tieħu vantaġġ fuq xi parti oħra fil-kawża: jekk xejn, f'bosta każijiet, l-istat ta' kontumaċja ta' xi waħda mill-partijiet imħarrkin aktar jitfa' piż fuq il-Qorti biex tgħarbel sewwa u b'reqqa dak li l-parti attriċi tkun ressqet quddiemha."

F'dan il-każ iżda, l-attur ma seħħlux jipprova dak li qiegħed jallega bi provi oġġettivi li fuqhom il-Qorti tista' tibbaża l-ġudizzju tagħha. In-nuqqas ta' risposta tal-parti konvenuta f'din il-kawża m'għandhiex titqies bħala xi forma ta' ammissjoni imma għandha titqies bħala kontestazzjoni għat-talbiet tal-attur. Peress li l-attur ma ressaq ebda prova in sostenn tal-pretensjonijiet tiegħu, il-Qorti tqis li l-attur ma seħħlux jipprova l-każ tiegħu. Huwa fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti tqis li m'għandhiex tilqa' t-talbiet tal-attur.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda tiċħad it-talbiet kollha tal-attur.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-attur.**

---

[3] Enfasi miżjuda.

[4] P.A., 01.12.2015.

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**